MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 788/2003

Commonwealth Educational Society Limited ta' Nassau Bohamas kif rappresentata lokalment mill-mandatarju taghha Godfrey Aquilina
Vs
Sonia Stewart

It-Tribunal

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici, fit-22 t'April, 2003, fejn intalab il-hlas ta' sitta u disghin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (LM96.48) bhala bilanc ta' prezz ta' diversi kotba lilek mibjugha u kkonsenjata ai termini ta' l-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet.

Is-Socjeta' attrici nomine qieghda titlob ukoll hlas ta' l-imghaxijiet dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-prezentata ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Dicembru, 2002, bl-ispejjez ta' l-istess ittra ufficjali kif ukoll l-ispejjez tat-talba kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma prezentatx risposta.

Sema lil PL Josette Attard tikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut.

Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta’ sitta u disghin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (LM96.48) bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------